# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

### ILLUM, il-Ħamis, 9 ta' Mejju, 2019

**Kawża Numru 6 (Kost.)**

**Rik. Nru. 29/15JRM**

Gaetano Mark **SAVERY**

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI** u l-Kummissarju tal-Pulizija

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fid-9 ta' April, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li din il-Qorti (1) ssib li d-diskrezzjoni sħiħa tal-Pulizija li jressqu taħt proċedimenti għal rashom u differenti l-istess persuna akkużata b'reati li jistgħu jingħaqdu flimkien ġabitlu ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-

Konvenzjoni”); (2) issib li l-piena konplessiva li huwa ngħata fid-diversi proċedimenti tissarraf fi trattament inuman u degradanti għall-finijiet tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Kostituzzjoni”); u (3) li tagħti dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi, magħduda fosthom it-tħassir tas-sentenzi mogħtijin kontrih mill-Qrati tal-Maġistrati fil-kompetenza kriminali tagħhom, u kif ukoll il-ħlas ta’ kumpens xieraq għall-ksur ta’ jeddijiet li huwa ġarrab;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta’ April, 2015, li bih qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tat-30 ta’ April, 2015, u ordnat in-notifika lill-intimati;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fit-30 ta’ April, 2015, li biha laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b’mod preliminari, qalu li r-rikorrent naqas li jinqeda bir-rimedju ordinarju tal-appell li tagħtih il-liġi u għalhekk din il-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma’ l-każ tiegħu. Fil-mertu, laqgħu billi ċaħdu li r-rikorrent tassew ġarrab xi ksur ta’ xi wieħed mill-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni. B’mod partikolari, huma jgħidu li l-pwieni inflitti mill-Qrati ngħataw kif stabbiliti mil-liġi u b’riżultat ta’ proċessi li tawh smigħ xieraq. Fuq kollox, il-pwieni ngħataw wara li r-rikorrent, f’kull wieħed mill-proċedimenti meħuda kontrih, għażel li jammetti x-xiljiet. Jiċħdu li l-liġi kienet torbot lill-Prosekuzzjoni li titlob li l-kawżi kollha jinstemgħu flimkien (u lanqas ir-rikorrent ma talab li jsir dan fl-ebda waqt tal-proċediment) jew li kellha tingħata piena waħda għar-reati kollha li bihom kien mixli. Iżidu jgħidu li l-Pulizija kellha tmexxi l-ħames proċedimenti għal rashom minħabba li kellha ħames kwereli minn persuni differenti mressqa fi żminijiet differenti u li kienu jirrigwardaw każijiet ta’ approprjazzjoni indebita u frodi magħmulin fi żminijiet differenti li laqtu nies differenti, ammonti differenti u mwettqa b’riżoluzzjoni kriminali differenti l-waħda mill-oħra. Il-liġi li tħaddmet fil-każijiet tiegħu kienet waħda ċara u prevedibbli fit-tħaddim u l-konsegwenzi tagħha. Jiċħdu li l-pwieni inflitti fuq ir-rikorrenti kienu jissarrfu fi trattament inuman jew degradanti. Għalhekk, lanqas hemm raġuni għaliex is-sentenzi msemmija jmisshom jitħassru u wisq anqas li r-rikorrent jingħata xi kumpens kif jippretendi;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta’ April, 2015[1], li bih ordnat lr-rikorrent iressaq il-provi tiegħu fil-mertu bla ħsara għall-eċċezzjoni preliminari tal-intimati;

[1] Paġ. 18 tal-proċess

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent fid-9 ta' Diċembru, 2015[2], bil-provi dokumentali mehmużin magħha;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik bil-mezz tal-affidavit;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Novembru, 2016, li bih tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fit-3 ta' Frar, 2017[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati fit-12 ta' Lulju, 2017[4], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' lment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrent jgħid li ġarrab ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni għaliex jgħid li l-Pulizija għażlet li tmexxi għal rashom f'kawżi separati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali bosta rapporti jew kwereli li saru kontrih minn persuni differenti, meta dawn il-każijiet messhom jew setgħu tmexxew f'kawża waħda. Jgħid li, minħabba li sar hekk, u minħabba li nstab ħati f'kull wieħed mill-proċedimenti meħuda kontrih, huwa kien kundannat għal pwieni differenti ta' ħabs li jlaħħqu b'kollox mas-sittax-il (16) sena ħabs. Huwa jgħid li dan jikkostitwixxi każ ta' trattament inuman bi ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-konvenzjoni. Irid li l-Qorti ssib li, bil-ksur tal-jeddijiet tiegħu minnu mġarrba, jistħoqqlu jingħata kull rimedju xieraq, magħduda fosthom it-tħassir tas-sentenzi li ngħataw u wkoll il-ħlas ta' kumpens;

---

[2] Paġġ. 27 sa 53 tal-proċess
[3] Paġġ. 107 sa 126 tal-proċess
[4] Paġġ. 132 sa 142 tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni l-intimati laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li r-rikorrent naqas li jinqeda bir-rimedju ordinarju tal-appell li tagħtih il-liġi u għalhekk din il-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' l-każ tiegħu. Fil-mertu, laqgħu billi ċaħdu li r-rikorrent tassew ġarrab xi ksur ta' xi wieħed mill-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni. B'mod partikolari, huma jgħidu li l-pwieni inflitti mill-Qrati ngħataw kif stabbiliti mil-liġi u b'riżultat ta' proċessi li tawh smigħ xieraq. Fuq kollox, il-pwieni ngħataw wara li r-rikorrent, f'kull wieħed mill-proċedimenti meħuda kontrih, għażel li jammetti x-xiljiet. Jiċħdu li l-liġi kienet torbot lill-Prosekuzzjoni li titlob li l-kawżi kollha jinstemgħu flimkien (u lanqas ir-rikorrent ma talab li jsir dan fl-ebda waqt tal-proċediment) jew li kellha tingħata piena waħda għar-reati kollha li bihom kien mixli. Iżidu jgħidu li l-Pulizija kellha tmexxi l-ħames proċedimenti għal rashom minħabba li kellha ħames kwereli minn persuni differenti mressqa fi żminijiet differenti u li kienu jirrigwardaw każijiet ta' approprjazzjoni indebita u frodi magħmulin fi żminijiet differenti li laqtu nies differenti, ammonti differenti u mwettqa b'riżoluzzjoni kriminali differenti l-waħda mill-oħra. Il-liġi li tħaddmet fil-każijiet tiegħu kienet waħda ċara u prevedibbli fit-tħaddim u l-konsegwenzi tagħha. Jiċħdu li l-pwieni inflitti fuq ir-rikorrenti kienu jissarrfu fi trattament inuman jew degradanti. Għalhekk, lanqas hemm raġuni għaliex is-sentenzi msemmija jmisshom jitħassru u wisq anqas li r-rikorrent jingħata xi kumpens kif jippretendi;

Illi bħala <u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li bejn l-2010 u l-2011, il-Pulizija daħlulha rapporti jew sarulha kwereli dwar ir-rikorrent. L-istħarriġ tar-rapporti u t-tmexxija tal-proċedimenti tħalliet f'idejn l-uffiċjali fit-Taqsima tar-Reati Ekonomiċi (ECU), iżda kien hemm rapporti li saru direttament lill-Ispetturi tal-Għassa[5]. L-uffiċjali mexxew għal rashom il-każijiet li ngħatawlhom mis-superjuri tagħhom. Ir-rikorrent tressaq l-ewwel darba b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja f'Ottubru tal-2010[6] mixli b'approprjazzjoni bla jedd u b'qerq bi ħsara ta' persuna partikolari. F'April tal-2011[7], il-Pulizija reġgħet ressqet lir-rikorrent b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, u xlietu bl-istess reati mwettqa fil-konfront ta' persuni oħrajn fi Frar ta' dik is-sena u fis-snin ta' qabel. Il-Prosekuzzjoni kienet immexxija mill-Ispettur Maurice Curmi. Il-każ kien sar magħruf mill-Pulizija minħabba kwerela li tressqet f'isem il-persuni mġarrba;

Illi f'Diċembru ta' dik l-istess sena, il-Prosekuzzjoni talbet iż-żieda ta' ismijiet oħrajn fl-ewwel u t-tieni akkużi minħabba li persuni oħrajn kienu

---

[5] Affidavit tal-Ispettur Yvonne Farruġia f'paġ. 91 tal-proċess
[6] Affidavit tal-ispettur Maurice Curmi f'paġ. 92 tal-proċess
[7] Dok "GS8", f'paġġ. 49 – 50 tal-proċess

ressqu rapport kontra r-rikorrent dwar l-istess reati. Dik il-Qorti laqgħet it-talba[8];

Illi r-rikorrent tressaq il-Qorti mixli bl-istess reati mwettqin f'każijiet oħrajn u wara rapporti li saru minn persuni oħrajn u minn dak li ħareġ mill-istħarriġ tal-Pulizija fuq uħud mill-kwereli li sarulha;

Illi b'kollox, dwar l-imsemmija reati, ir-rikorrent tmexxew kontrih ħames (5) proċeduri separati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. B'sentenza mogħtija fis-6 ta' Awwissu, 2013[9], ir-rikorrent instab ħati tal-akkużi mressqa kontrih u ngħata piena ta' ħmistax-il (15) xahar ħabs. Ftit xhur wara, fl-24 ta' Ottubru, 2013[10], ingħatat sentenza oħra minn dik il-Qorti (diversament presjeduta) li, fuq ammissjoni tar-rikorrent, ikkundannatu għal tliet (3) snin priġunerija dwar ir-reati li kien mixli bihom. B'sentenza oħra mogħtija fil-15 ta' Novembru, 2013[11], mill-istess Qorti (diversament presjeduta), ir-rikorrent stqarr il-ħtija tiegħu dwar l-akkużi ta' frodi u approprjazzjoni bla jedd imressqa kontrih u kien kundannat għal tliet (3) snin priġunerija. Fis-16 ta' Jannar, 2014[12], b'sentenza oħra mogħtija minn dik il-Qorti (diversament presjeduta) fuq ammissjoni tiegħu tal-akkużi dedotti, ir-rikorrent ingħata piena ta' ħames (5) snin ħabs. B'sentenza mogħtija minn dik il-Qorti (għal darb'oħra diverament presjeduta) fis-27 ta' Marzu, 2014[13], ir-rikorrent ingħata piena ta' tliet (3) snin u sitt (6) xhur priġunerija, wara li, għal darb'oħra, stqarr l-akkużi mressqa kontrih. Ma tressaq l-ebda appell mill-ebda waħda mill-imsemmija sentenzi;

Illi r-rikorrent fetaħ din il-kawża fid-9 ta' April, 2015;

Illi l-Qorti sejra tibda l-kunsiderazzjonijiet ta' natura legali marbuta mal-każ billi tgħaddi biex tqis l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimati. L-intimati jgħidu li ladarba r-rikorrent naqas milli jinqeda bir-rimedju ordinarju tal-appell mill-imsemmija sentenzi, din il-Qorti għandha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tisma' din il-kawża tal-ilment tal-ksur tal-jeddijiet fundamentali, u dan kif irid il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi din il-Qorti sejra tagħżel li twettaq is-setgħa tagħha biex tisma' l-kawża u mhix sejra tilqa' din l-eċċezzjoni. Minbarra l-prinċipji u l-elementi mfassla mill-Qrati Maltin dwar meta u f'liema ċirkostanzi din il-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali tagħha biex tqis kawża ta'

8 Dok "GS7", f'paġ. 51 tal-proċess
9 Dok "GS1", f'paġġ. 28 sa 33 tal-proċess
10 Dok "GS4", f'paġġ. 42 – 5 tal-proċess
11 Dok "GS2", f'paġġ. 34 – 6 tal-proċess
12 Dok "GS3", f'paġġ. 38 sa 41 tal-proċess
13 Dok "GS5", f'paġġ. 46 – 8 tal-proċess

lment ta' ksur ta' jedd fundamentali, irid jingħad li llum il-ġurnata l-kwestjoni tinsab irfinuta b'għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati Maltin u tal-Q.E.D.B. dwar il-prinċipju tal-eżawriment tar-"rimedji ordinarji" qabel ma wieħed idur għar-rimedju 'straordinarju' ta' azzjoni dwar ksur ta' jedd fundamentali. Lil hinn minn hekk, din il-Qorti hija tal-fehma li ma tarax kif ir-rikorrent kien jikseb rimedju għall-ilment tiegħu f'din il-kawża li kieku għażel li jappella mis-sentenzi li ngħataw mill-Qrati ta' kompetenza kriminali. Parti sewwa mill-ilment tiegħu, b'mod partikolari fl-ewwel talba tiegħu, ma jista' jkun bl-ebda mod indirizzat b'appell mis-sentenzi li ngħata, għaliex appell jgħodd biss gġħall-każ li fih jitressaq, filwaqt li l-ilment tar-rikorrent f'din il-kawża huwa dwar il-fatt li l-kawżi kontrih tmexxew għal rashom minflok f'azzjoni waħda (safejn sata' jsir hekk);

Illi għalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tilqa' l-imsemmija eċċezzjoni u se tgħaddi biex tqis l-ilmenti tar-rikorrent fil-mertu;

Illi dwar l-ilment tal-**ksur tal-jedd imħares taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni**, jidher li l-każ tar-rikorrent jintrabat mal-fatt li l-Pulizija mexxiet kontrih fi proċeduri differenti minflok "għaqqdithom" kollha fi proċediment wieħed. Huwa jgħid li, minħabba f'hekk, ingħata bosta sentenzi li, miġmugħin flimkien, tellgħulu piena ta' ħabs għolja u li ma kienx jeħilha li kieku l-każijiet kollha tmexxew fi proċediment wieħed. Huwa jisħaq li ma iien hemm xejn x'iżomm lill-Pulizija milli tagħmel dan, ladarba f'każ minnhom, żiedet l-ismijiet ta' persuni oħrajn mal-akkużi li kienu tressqu fil-bidu u dan waqt li kienet miexja l-ewwel kawża kontrih. Ir-rikorrent jgħid li huwa kien talab lill-Pulizija tmexxi kontrih f'kawża waħda, imma din ma tatx każu u arbitrarjament għaddset rasha billi fetħet aktar minn proċedura waħda li nstemgħu quddiem aktar minn ġudikant wieħed[14];

Illi jidher ukoll li r-rikorrent jgħid li, filwaqt li l-intimat Avukat Ġenerali, fil-liġi, għandu s-setgħa li jordna li kawżi "jingħaqqdu" flimkien u jinstemgħu fi proċediment wieħed, l-istess jedd mhuwiex mil-liġi mogħti lill-persuna li tkun akkużata u suġġetta għal aktar minn proċediment kriminali wieħed;

Illi kemm hu hekk, bħala parti mill-argument tiegħu li ġarrab ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, ir-rikorrent isemmi d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 593 u 595 tal-Kodiċi Kriminali. L-ewwel mill-imsemmija artikoli jipprovdi li: "*(1) Żewġ reati jew aktar magħmulin minn persuna waħda, għalkemm mhux konnessi bejniethom, jistgħu jinġiebu f'att ta' akkuża wieħed u jiġu iġġudikati fl-istess kawża, għad li wieħed minn dawn ir-*

[14] Affidavit tiegħu f'paġġ. 84 – 5 tal-proċess

*reati jkun ta' kompetenza inferjuri; meta jsir hekk, l-att tal-akkuża għandu jitqassam f'diversi kapi, u f'kull wieħed minnhom għandha titħares id-disposizzjoni ta' l-artikolu 589. (2) Iżda l-qorti tista', fuq talba tal-Avukat Ġenerali, tordna li dawn ir-reati jiġu iġġudikati kull wieħed għalih*". It-tieni wieħed jipprovdi li: "*Fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 591 u 593, jekk żewġ atti ta' akkuża jew iżjed jiġu ppreżentati fl-istess żmien jew fi żminijiet diversi, il-qorti tista', fuq talba ta' l-Avukat Ġenerali, tordna li huma jiġu magħqudin biex jiġu iġġudikati flimkien*";

Illi l-Qorti tqis li dawn l-artikoli tal-liġi jirreferu għall-proċedimenti quddiem il-Qorti Kriminali bil-ħruġ tal-Att tal-Akkuża u ma jidhirx li jgħoddu għall-proċedimenti fil-Qrati tal-Maġistrati, fejn tmexxew il-każijiet kontra r-rikorrent. Għalhekk, il-Qorti ma tantx tista' toqgħod tgħarbel l-ilment tar-rikorrent fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet għaliex huwa mhuwiex jilmenta mill-fatt li tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati minflok tressaq quddiem il-Qorti Kriminali;

Illi għal dak li jirrigwarda l-mod kif l-uffiċjal Prosekutur jagħżel li jmexxi wara li jkun intalab jistħarreġ każ, il-Qorti tqis li għandha toqgħod ma' x'ġara fil-każ tar-rikorrent. Dan qiegħed jingħad għaliex jidher li l-azzjoni attriċi – l-aktar f'dak li jirrigwarda l-ilment tal-ksur tal-jedd taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni – timplika li d-diskrezzjoni li jista' jkollha l-Pulizija jekk jgħaqqdux fi proċedura waħda kull allegazzjoni ta' reat li ssir kontra xi persuna hija xi diskrezzjoni sistematika li tħaddmet kontra r-rikorrent biex ikun espost għal proċeduri mtennija u għal pwieni eħrex;

Illi mill-provi mressqa fl-atti ta' din il-kawża ħareġ li r-rapporti jew kwereli li tressqu lill-Pulizija dwar l-imġiba tar-rikorrent seħħew fuq medda ta' ġimgħat. Saru minn persuni differenti li ma kellhomx rabta bejniethom, għalkemm saru xi kwereli minn persuni qraba ta' xulxin. Il-każijiet kienu mistħarrġa minn uffiċjali tal-Pulizija differenti fi ħdan it-Taqsima tar-Reati Ekonomiċi (ECU) jew saħansitra minn Spetturi tal-Għassa. Meta l-każ tar-rikorrent sar magħruf, bdew ġejjin 'il quddiem persuni oħrajn li ntlaqtu minn dak li ġaralhom minħabba r-rikorrent. Il-każijiet kollha ma kinux mistħarrġa mill-istess uffiċjal tal-Korp u, sa ma kien wasal fi tmiemu l-ewwel każ fil-Qorti kontra r-rikorrent (bl-ammissjoni tiegħu tax-xiljiet u l-għoti tal-piena relattiva mill-Qorti li tressaq quddiemha), kienu għadhom deħlin għand il-Pulizija kwereli jew rapport oħrajn li jirrigwardaw lir-rikorrent minn persuni oħrajn[15]. Mix-xhieda ntwera wkoll li l-każ tar-rikorrent ma setax jitqabbel ma' oħrajn minħabba li l-għadd ta' rapporti li bdew jaslu lill-Pulizija malli sar magħruf il-każ ma kienx tali li jippermetti lill-uffiċjali inkarigati li joqogħdu jistennew ħalli

[15] Ara x-xhieda tal-Ispettur Yvonne Farruġia u l-Ispettur Maurice Curmi f'paġġ. 56, 59, 62, 67, 76, 78 u 80 tal-proċess

jaraw jekk kinux ser jitressqu rapporti oħrajn jew jekk ladarba stħarriġ ta' każ ikun ingħalaq il-Prosekuzzjoni kienet ser titnikker biex tressaq lir-rikorrent quddiem Qorti biex iwieġeb għax-xiljiet li sarulu[16];

Illi l-Qorti lanqas ma hija konvinta li f'dan il-każ il-Pulizija mxiet b'mod differenti minn kif timxi f'każijiet oħrajn – jiġifieri li hekk kif jintemm l-istħarriġ ta' każ hija tressaq lill-persuna konċernata u minn hemm 'l hemm jitnieda l-proċess ġudizzjarju quddiem Qorti kompetenti u imparzjali. Ir-rikorrent lanqas ma wera li l-korp tal-Pulizija kien fassal xi proċedura formali biex każijiet li jistgħu jolqtu lill-istess persuna jinġabu għall-għarfien tal-istess uffiċjal jew jintbagħtu lkoll għall-istħarriġ immexxi mill-istess wieħed. Il-fehma li tislet il-Qorti mill-provi li l-partijiet ressqu quddiemha hi li, hekk kif sar magħruf li kien hemm każ ta' approprjazzjoni bla jedd u frodi mwettqa mir-rikorrent u li kienu tnedew proċeduri fil-Qorti fl-ewwel rapport, il-kelma ġriet ma' persuni oħrajn li kienu ngidmu mir-rikorrent, billi jidher li din l-imġiba tiegħu ġrat fuq medda ta' xhur u laqtet bosta persuni. Għalhekk, ma ntweriex li l-mod kif tmexxew il-proċedimenti kontra r-rikorrent kien jiddependi għal kollox minn għażla deliberata tal-Pulizija li tgħaddih bla bżonn minn aktar minn kawża waħda minflok tiġbor kollox fi proċediment wieħed;

Illi l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni jipprovdi li "*(1) Ħadd m'għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skond liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas m'għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar. (2) Dan l-Artikolu m'għandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni ta' piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta jkun sar, kien kriminali skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati*";

Illi safejn jgħodd l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni xieraq jingħad li l-prinċipju mħaddan fih jiġbor fih il-massima tad-dritt "*nullum crimen sine praevia lege*" li f'ilsienna tfisser li ħadd ma hu ħati ta' reat dwar għemil li, fil-waqt li jkun sar, ma kienx mil-liġi meqjus li huwa reat. Marbuta sfiq ma' dan il-prinċipju hemm l-ieħor li jrid li ma tistax tingħata piena eħrex minn dik li kienet tgħodd fiż-żmien meta twettaq ir-reat jew dwar għemil li, meta jkun twettaq jew naqas li jitwettaq, ma kien iġorr l-ebda piena ("*nulla poena sine lege*"). Dan ifisser ukoll li l-ebda liġi li ssir wara li jkun sar dak l-għemil ma tiswa biex tibdlu f'reat. Il-ħsieb wara dawn l-artikoli hu li titwarrab kull arbitrarjetà fis-sura ta' sanzjoni li tista' tirriżulta mill-imġiba ta' xi persuna, ukoll jekk f'għajnejn ħaddieħor dik l-imġiba tista' ma tingħoġobx jew saħansitra tkun ta' min jistmerrha. Għaliex l-għan tal-liġi huwa dak li tfisser u

[16] Xhieda tal-Ispettur Maurice Curmi fil-kontro-eżami f'paġ. 104 tal-proċess

tgħid x'inhu l-għemil li jitqies reat u x'inhuma l-konsegwenzi li joħorġu fuq min iwettqu;

Illi dan ifisser ukoll li kemm l-għemejjel li jikkostitwixxu reat u kif ukoll il-pwieni li jingħataw fil-każ ta' sejbien ta' ħtija dwar it-twettiq tal-istess reat iridu jkunu preskritti b'mod ċar minn liġi, b'mod li persuna tkun taf minn qari tagħha jew mit-tifsir li Qorti tista' tagħti dwarha, liema għemejjel jew omissjonijiet iġibulu fuqu r-responsabbiltà kriminali[17]. B'"liġi" wieħed jifhem kemm dispożizzjoni ta' liġi miktuba u kif ukoll ġurisprudenza li tfisser l-għemil, u titlob li jkollha l-ħtiġijiet kwalitattivi li tkun magħrufa minn qabel u prevedibbli[18];

Illi jidher li minn dawn id-dispożizzjonijiet maż-żmien tnissel ukoll mill-Q.E.D.B. prinċipju ieħor li jrid li l-ebda awtorità nazzjonali m'għandha tagħti lil-liġi kriminali tifsira wiesgħa, bħal b'analoġija, li tista' tkun ta' ħsara lill-persuna mixlija b'reat, u għalhekk titnissel il-ħtieġa li kull offiża tkun imfissra sewwa fil-liġi nnifisha, b'mod li l-persuna tagħraf minn kliem il-liġi, u jekk meħtieġ bl-għajnuna tat-tifsir tal-Qrati, liema għemil jew omissjoni iwassluh għall-ksur tagħha[19]. Dan ma jfissirx li l-Qrati titneħħielhom is-setgħa li jagħtu t-tifsira tagħhom tal-liġi li jridu japplikaw għall-każ[20]. Ifisser biss li l-Qorti m'għandhiex tislef il-funzjonijiet tagħha biex jew taħlaq hi l-elementi ta' reat għal imġiba partikolari li l-liġi nnifisha ma tagħrafx, jew billi, b'tiġbid jew tixbih, tadatta għal imġiba partikolari l-elementi ta' reat maħsub għal ċirkostanzi ta' għemil bħalu. Huwa għalhekk li l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni jiggarantixxi l-prinċipju taċ-"ċertezza tad-dritt" bħala tarka li tilqa' lil persuna minn akkuża li ma tkunx tista' tiddefendi ruħha minnha kif jixraq;

Illi f'dan ir-rigward jidher li biex jista' jingħad li liġi toqgħod għall-jedd imħares fl-artikolu 7, "*The provisions have to be sufficiently foreseeable and accessible. This requirement serves to avoid a criminal conviction being based on a legal norm of which the person concerned could not, or at least need not, have been aware of beforehand. This condition is satisfied if the individual may know from the wording of the relevant provision, and, if need be, from the relevant case-law, what acts and omissions will make him liable. ... The Court[21] took into consideration that, however clearly drafted a legal provision may be, there is always an inevitable element of judicial interpretation. It is inevitable for the making of legal provisions that more or less vague wordings are used. The Court also accepts that legal provisions*

[17] Q.E.D.B. **17.9.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Scoppola vs Italja (Nru. 2)*** (Applik. Nru. 10249/03) §§ 93 – 94
[18] Q.E.D.B. **7.2.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***E.K. vs Turkija*** (Applik. Nru. 28496/95) §51
[19] Q.E.D.B. **25.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Kokkinakis vs Greċja*** (Applik. Nru. 14307/88) §§ 52 – 3
[20] P.A. (Kost.) GV **28.3.2008** fl-atti tar-Riferenza Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Lorraine Falzon*** (mhix appellata)
[21] Ir-riferenza hawn hija għas-sentenza tal-Q.E.D.B. **25.11.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Grigoriades vs Greċja*** (Applik. Nru. 24348/94) § 38

*must have a certain flexibility to handle changing circumstances and to avoid excessive rigidity*"[22];

Illi fid-dawl ta' dak li għadu kemm ingħad, il-grad ta' prevedibilità li huwa marbut sewwa mal-ħsieb taċ-ċertezza tad-dritt irid ikun hekk li, mqar jekk ir-rieda tal-liġi toħroġ minn tifsira li jkunu taw il-Qrati matul iż-żmien, dik ir-rieda tkun ċara biżżejjed biex minnha wieħed jagħraf jew imissu jagħraf liema mġiba hija aċċettata u liema tiġbed fuqha s-sanzjoni tal-liġi. Kemm hu hekk, "*the nulla poena principle with its requirement of legal certainty does not go to such lengths that the exact measure of the penalty, or an exhaustive enumeration of alternatives, must be laid down in the criminal law provision. If, as is customary in several legal systems, only the maxima are indicated, the legal subjects know what is the maximum penalty they may incur upon violation of the norm*"[23];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, ir-rikorrent mhuwiex qiegħed jilmenta li s-sejbien tal-ħtija tiegħu fil-kawża mnedija kontrih kien ħażin minħabba n-nuqqas ta' xi liġi li tfisser l-għemil li għalih instab ħati. Lanqas ma jilminta li l-Qrati li ikkundannawh għamlu hekk dwar xi għemil li, fiż-żmien rilevanti, ma kienx meqjus mil-liġi bħala reat. Kemm hu hekk, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu[24] jaċċetta li kien ammetta l-akkużi fil-kawżi kollha (għajr fl-ewwel waħda) minn rajh u li l-piena mogħtija f'kull waħda mill-imsemmija ħames kawżi kienet taqa' fil-parametri tal-liġi. Dak li jilminta dwaru, madankollu, hu li l-Pulizija għażlet li tmexxi kontrih f'ħames kawżi minflok ġabret ir-rapporti kollha fi proċediment wieħed;

Illi ingħad li "*sometimes, laws confer discretion on officials whoa are then responsible for their application, and to that extent the actual scope of the law may not be entirely forseeable. According to the Court, such laws are not inconsistent with article 7 'provided that the scope of the discretion and the manner of its exercise are indicated with sufficient clarity, having regard to the legitimate aim in question, to give the individual adequate protection against arbitrary interference'*"[25];

Illi meta l-Qorti tqis il-prinċipji msemmija fil-qafas tal-provi li ħarġu f'dan il-każ, hija tasal għall-fehma li ma jistax jingħad li l-mod kif il-Pulizija mxiet fir-rigward tar-rikorrent jissarraf f'użu mhux xieraq tad-diskrezzjoni mogħtija mil-liġi dwar kif tmexxi l-prosekuzzjoni tal-azzjonijiet kriminali meħuda kontrih. Diġà ntwera li ma kienx mistenni mill-Pulizija li żżomm milli tmexxi l-każ kontra r-rikorrent billi toqgħod tistenna ħalli tara jekk

---

[22] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit.*, (4th Edit), pg. 654
[23] *Op. Cit.* pġ. 656
[24] Paġġ. 118 – 9 tal-proċess
[25] W.A. Schabas <u>*The European Convention on Human Rights: A Commentary*</u> (OUP 2015) f'paġ. 338

kienx hemm il-possibilità li ħaddieħor itella' lment kontra r-rikorrent u mbagħad tmexxi l-każijiet kollha f'daqqa meta kulħadd ikun iċċaqlaq. L-affarijiet ma setgħux jimxu hekk bla ma jippreġudikaw il-jeddijiet ta' min kien mexxa l-ewwel fuq il-każ tiegħu;

Illi għalhekk, taħt din il-kawżali l-Qorti ma ssibx li r-rikorrent seħħlu juriha li ġarrab ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni;

Illi madankollu, l-artikolu 7 jirrigwarda wkoll il-kwestjoni tal-piena eħrex. Diġà ntwera li r-rikorrent iqis li, kieku l-każijiet kontrih tmexxew fi proċediment wieħed, kien jeħel piena waħda anqas qawwija mill-pwieni kollha li weħel għaliex tmexxew bosta kawżi kontrih. Madankollu, kif sewwa jissottomettu l-intimati, ma kien hemm l-ebda garanzija li l-piena li kienet se tingħata lir-rikorrent kieku l-każijiet kollha tmexxew fi proċediment wieħed kienet se tkun anqas mill-piena li ngħatatlu meta l-każijiet kontrih tmexxew f'aktar minn kawża waħda. Kemm hu hekk, f'waħda mis-sentenzi mogħtijin, joħroġ ċar li minkejja li r-rikorrent kien issottometta (għall-finijiet ta' mitigazzjoni tal-piena) li huwa kien diġà qiegħed iservi sentenza fuq akkuża bħalha, il-Qorti xorta waħda applikat kejl ta' piena li kien jorbot man-natura u mal-gravità tal-akkużi speċifiċi li r-rikorrent kien mixli bihom quddiemha. Jerġa' jingħad li l-pwieni kollha mogħtijin mill-Qrati kompetenti fil-ħames każijiet li tnedew kontra r-rikorrent kienu pwieni għal kollox fil-parametri tal-liġi u li japplikaw għall-fattispeċi u ċ-ċirkostanzi tal-każ;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li r-rikorrent ma seħħlux jagħtiha raġuni tajba biex issib li huwa tabilħaqq ġarrab ksur tal-jedd tiegħu li ma jinstabx ħati ta' xi ħaġa li ma kinitx tikkostitwixxi reat fil-liġi u lanqas li ngħata piena li l-liġi ma kinitx taħseb għaliha. Għaldaqstant, l-ewwel talba mhijiex sejra tintlaqa';

Illi l-Qorti sejra issa tqis l-**ilment tar-rikorrent li l-pwieni mogħtija jammontaw għal trattament inuman jew degradanti**. Huwa jgħid li l-mod kif tmexxew il-każijiet kontrih, huwa ngħata għadd ta' snin ta' priġunerija li ma kienx jingħata li kieku l-proċediment sar kollu f'kawża waħda. Huwa jgħid li, bħalma ġara fl-ewwel kawża (meta nġemgħu l-każijiet ta' aktar minn persuna waħda fi proċediment wieħed) meta l-Qorti tat piena waħda "moderata" għall-imputazzjonijiet kollha, hekk kien iseħħ li kieku l-każijiet kollha nġemgħu fi proċediment wieħed;

Illi l-intimati jwarrbu dan l-ilment ukoll u jisħqu li ma jista' jingħad bl-ebda mod li l-pwieni li ngħataw kontra r-rikorrent huma eċċessivi jew maqtugħa mill-effetti mistennija tas-sejbien ta' ħtija tar-reati serji li kien mixli bihom;

Illi jidher ċar li l-ilment tar-rikorrent fit-tieni talba tiegħu jintrabat mal-qilla tal-pwieni erogati kontrih fis-sentenzi li ngħataw fil-ħames kawżi li tmexxew mill-Pulizija;

Illi l-Qorti triq tara jekk il-pwieni li għalihom kien kundannat ir-rikorrent jistgħux jitqiesu tali li, minnhom infushom, jissarfu fi trattament inuman jew degradanti għall-finijiet tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jew l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni;

Illi l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jgħid li "*(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti. (2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorita' ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwestjoni tawtorizza l-għoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-ġurnata stabilita. ...*". Min-naħa l-oħra, l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jgħid li "*Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti*";

Illi xieraq jingħad li l-imsemmija dispożizzjonijiet jinqdew bi kliem li juri li l-projbizzjoni li xiħadd jittratta lil xiħadd ieħor b'mod inuman jew degradanti hija waħda assoluta (hija mfissra bħala "an unqualified prohibition"[26]) u li ma tħallix eċċezzjonijiet jew tiġbid[27]. Huma dispożizzjonijiet li jitfgħu fuq l-Istat ukoll obbligazzjoni pożittiva li jaraw b'mod preventiv li l-jedd jitħares u mhux biss waħda fejn l-Istat jirrimedja wara li jkun hemm ksur tiegħu. Huwa wkoll minħabba f'hekk li huwa mistenni li l-imġiba li minnha wieħed jilminta trid tkun ta' qawwa jew qilla ta' ċerta gravità u li tkun ippruvata fi grad għoli daqskemm xieraq skond in-natura tal-proċediment li jkun. Huwa aċċettat ukoll li t-'tortura', it-'trattament inuman' u t-'trattament li jbaxxi' 'l dak li jkun huma kunċetti li jirkbu fuq xulxin u mhumiex maqtugħin għal kollox minn xulxin, ladarba huma mġiba mhux xierqa fuq xiħadd li hija differenti minħabba l-grad ta' severità li tintuża, b'tal-ewwel tikkostitwixxi l-għamla l-aktar ħarxa ta' mġiba u tal-aħħar l-għamla l-inqas kiefra;

Illi kemm dan huwa tabilħaqq hekk, bil-kliem "trattament degradanti" wieħed jifhem "*treatment that humiliates or debases ... Degrading treatment in the sense of article 3 is conduct that 'grossly humiliates', although causing less suffering than torture. The question is whether a person of the applicant's sex, age, health, etc., of normal sensibilities would be grossly*

[26] Cfr R. Gordon, T Ward & T Eicke <u>*The Strasbourg Case Law: Leading Cases from the European Human Rights Reports*</u> (Sweet & Maxwell 2001) f'paġ. 117

[27] Kemm hu hekk, ara art. 15 tal-Konvenzjoni

*humiliated in all the circumstances of the case.*"[28] Hemm differenza wkoll bejn trattament inuman u trattament degradanti. Kull trattament inuman huwa minnu nnifsu wieħed ukoll degradanti, iżda mhux kull trattament degradanti jsir trattament inuman[29], liema trattament "*covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering*"[30];

Illi mġiba li twassal lil persuna biex tagħmel xi ħaġa kontra r-rieda jew kontra l-kuxjenza tagħha tista' wkoll titqies bħala trattament degradanti. F'xi każijiet tqies li, flimkien ma' dawn il-kriterji, jkun irid jintwera wkoll li min ikun wettaq l-għemil degradanti jkun għamel dan bil-fehma jew l-intenzjoni li jżeblaħ, iċekken jew jumilja 'l vittma, imma jidher li jkun iżjed għaqli li wieħed iqis it-trattament li jkun ingħata fiċ-ċirkostanzi konkreti tal-persuna li tkun għaddiet minn dak it-trattament u tal-każ li fih ikun iġġarrab[31], għalkemm ma tiddependix lanqas għal kollox fuq dak li suġġettivament tħoss il-persuna mġarrba[32];

Illi biex iseħħ ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li "*gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem ħaddieħor .... u jidher li llum hu ġeneralment aċċettat li biex trattament determinat jaqa' taħt il-komminazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet fuq ċitati*[33]*, jeħtieġ ċertu grad ta' gravita*""[34], li mingħajru ma jkunx jista' jingħad li seħħ ksur ta' dak il-jedd[35]. Għalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn sempliċi inkonvenjenza jew disaġju[36];

Illi b'żieda ma' dan, huwa miżmum ukoll li minħabba li 'trattament degradanti u inuman' huma konċetti astratti, biex tassew jista' jingħad li seħħew iridu "jikkonkretiżżaw neċessarjament f'xi fatt jew fatti materjali" li jkunu ta' ċerta gravità[37] li jitkejlu fuq l-effett li tali trattament ħalla fuq il-persuna li kienet suġġetta għalih[38]. Minbarra dan, jista' jkun il-każ li l-qies dwar jekk imġiba partikolari tkunx waħda li ġġibx ksur tal-imsemmi jedd irid ikun "*judged by the circumstances of the case and the prevalent views of the time .. .. It is clear that the answer to the question whether Article 3 has been violated, although depending on all the circumstances of the case, including such factors as the mental effects on the person concerned, is not entirely dependent on his subjective appreciations and feelings*"[39];

---

[28] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention of Human Rights, paġġ. 80 - 1
[29] Kost. **19.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Meinrad Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[30] K Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit., 2008) §IIB – 416, paġ. 575
[31] Kost. **6.12.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.239**)
[32] P.A. (Kost.) TM **19.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Gatt vs L-Onor. Prim Ministru et*** (konfermata fil-Qorti Kostituzzjonali fit-**12.2.2008**)
[33] F'dan il-każ, jiġifieri l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni
[34] Kost. **20.7.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġużeppa Galea vs Segretarju tad-Djar et*** (Deċ. Kost. II, Għ.S.L., paġ. 549)
[35] Q.E.D.B. **6.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Lecomte vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 80442/12) §§ 91 – 2
[36] Kost. **18.11.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Testa vs Attard noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.185)**
[37] Kost. **8.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonello vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol; **LXXXV.i.1**)
[38] Kost. **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[39] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights *op. cit*, § 7.3, f'paġġ.412 u 415

Illi għal dak li jirrigwarda l-piż tal-prova ta' ksur tal-artikolu 3, jidher li jaqa' fuq min jilminta mill-ksur tal-imsemmi jedd li jressaq prova lil hinn mid-dubju raġonevoli li tabilħaqq ikun seħħ ksur ta' l-imsemmi artikolu[40]. Irid jingħad li din mhijiex fehma li magħha jaqbel kulħadd[41]. Iżda "*such proof may follow from the coexistence of sufficiently strong, clear and concordant inferences or of similar unrebutted presumptions of fact. The conduct of the parties when evidence is being obtained has to be taken into account*"[42];

Illi l-qies ta' jekk trattament jaqax fil-parametri tal-artikolu 3 irid isir b'riferenza għaċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li jkun fil-qafas tiegħu, magħduda l-mod ta' kif jingħata, it-tul tiegħu, l-effetti fiżiċi u morali li jħallu fuq il-persuna hekk trattata, u ċirkostanzi oħrajn bħas-sess, l-età u s-saħħa tal-vittma. Trattament jitqies bħala inuman meta tal-anqas iġib fuq il-vittma tbatija fiżika jew psikika "intensa" mqar jekk mhux akkompanjata bi ġrieħi li jidhru fuq il-ġisem, u jekk "*iqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża', angoxxia u sens ta' inferjorita' li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu*"[43]. L-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti dwar jekk it-trattament mogħti jiksirx l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni (jew l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni) huwa marbut maż-żmien li l-każ ikun qiegħed quddiemha biex tqis l-ilment[44];

Illi fir-rigward ta' każijiet fejn persuna tkun ingħatat sentenza ta' ħabs, il-kwestjoni dwar jekk il-piena nnifisha kinitx tikser il-jedd li persuna ma tingħatax trattament degradanti jew inuman kienet mistħarrġa f'għadd ta' drabi u minħabba għadd ta' ċirkostanzi. Dan jgħodd ukoll fejn il-piena tkun waħda ġustifikata u mistħoqqa għar-reat li dwaru l-persuna ikkundannata tkun instabet ħatja wara proċess li tmexxa kif imiss. Dan l-istħarriġ sar kemm dwar il-kundizzjonijiet li fihom il-persuna tkun tinżamm biex tiskonta l-piena mogħtija u kif ukoll dwar l-aspetti ta' reviżjoni li dik il-piena toffri lill-persuna misjuba ħatja, fejn l-imġiba tagħha jew il-qagħda fiżika tagħha jitolbu r-reviżjoni tal-piena mogħtija. Qamet ukoll il-kwestjoni tal-għan riformativ tal-piena mogħtija u xejn anqas dik li tagħraf ukoll id-dinjità tal-persuna misjuba ħatja liema dinjità ma tintilifx minkejja s-sejbien tal-ħtija[45]. Il-fatt li l-piena ta' għomor fil-ħabs timplika wkoll żmien li ma jgħaddix sakemm iddum ħajja l-persuna misjuba ħatja wkoll jaf jagħti lok għal ċirkostanza fejn dan l-istħarriġ isir rilevanti[46];

---

[40] Q.E.D.B. **13.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anguelova vs Bulgarija*** (Applik. Nru. 38361/97) § 111
[41] Ara M. Schiavone (Ed.) When Judges Dissent (2008), f'paġġ. 241 – 3
[42] Q.E.D.B. **12.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Shamaiev et vs Ġorġja u Russja*** (Applik. Nru. 36378/02) § 338
[43] Kost. **31.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Id-Direttur tal-Ħabs et***
[44] Kost. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Dilek Sahan et vs Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern et***
[45] William A. Schabas *op. cit.*, paġġ. 187 – 8
[46] Q.E.D.B. **12.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Kafkaris vs Ċipru*** (Applik. Nru. 21906/04) §§ 96 – 7

Illi wara li l-Qorti qieset sewwa l-prinċipji li għadhom kemm issemmew u rathom fid-dawl taċ-ċirkostanzi fattwali li jsawru l-każ tar-rikorrent, hija tasal għall-fehma li r-rikorrent ma jistax jgħid li l-pwieni erogti fil-ħames kawżi miftuħa kontrih kienu jew huma pwieni li jikkostitwixxu trattament degradanti u wisqa anqas inuman. Ir-rikorrenti innifsu jaċċetta li, bil-mod kif jitħaddmu r-regoli dwar il-kejl taż-żmien li wieħed iservi l-kundanni ta' priġunerija, u b'imġiba tajba, dawk il-pwieni għandhom effettivament jitnaqqsu. Hemm ukoll l-element li l-pwieni ngħataw għaliex l-għemejjel li r-rikorrent kien mixli bihom kienu jolqtu lil bosta persuni li sfaw vittmi tar-raġġiri tiegħu u li, minn dak li jidher, baqgħu ma ngħatawx lura l-flus li tteħdulhom sa dakinhar li ngħataw is-sentenzi li minnhom jilmenta r-rikorrent;

Illi l-Qorti tqis ukoll li r-rikorrent mhuwiex qiegħed jilminta mill-kundizzjonijiet li huwa qiegħed jinżamm fihom hu u jservi l-piena li ngħatatlu u lanqas ressaq xi provi f'dan ir-rigward. Il-Qorti tifhem li għar-rikorrent iż-żmien ta' priġunerija li għalih kien ikkundannat jista' jkun għajn ta' tħassib, niket u skomdu. Madankollu, kif ingħad qabel f'din is-sentenza, dan huwa l-prezz li ħallas ta' egħmilu u liema prezz kien wieħed li seta' jkun jaf x'seta' jkun jekk kemm-il darba l-ġustizzja tilħaq miegħu, kif fil-fatt ġara;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li lanqas dan l-ilment ma huwa mistħoqq u għalhekk it-tieni talba attriċi mhix sejra tintlaqa' lanqas;

Illi dan ifisser li dwar it-**tielet talba** ma hemm l-ebda rimedju li din il-Qorti hija mistennija tagħti lir-rikorrent, ladarba din it-talba hija konsegwenzjali għall-aċċettazzjoni ta' xi waħda mit-talbiet ta' qabilha. Ladarba l-ebda waħda mill-ewwel żewġ talbiet ma sejra tintlaqa' ma hemmx lok li l-Qorti tipprovdi b'xi mod dwar is-siwi tas-sentenzi mogħtija u lanqas dwar xi kumpens pretiż mir-rikorrent;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimati u ssib li għandha twettaq is-setgħat mogtijin lilha mil-liġi biex tisma' u taqta' l-kawża;

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi ma ntweriex li d-diskrezzjoni mħaddma mill-Pulizija li tressaq lir-rikorrent fi proċedimenti separati tikkostitwixxi ksur tal-jedd tiegħu kif imħares taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni;

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** billi ma ntweriex li l-pwieni erogati mill-Qrati ta' kompetenza kriminali fil-każijiet imnedija kontra r-rikorrent

jikkostitwixxu ksur tal-jedd tiegħu li ma jingħatax trattament inuman jew degradanti skond l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni;

**Tiċħad it-tielet talba attriċi** billi hija konsegwenzjali għat-talbiet ta' qabilha; u

**Tordna** li r-rikorrent iħallas l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**9 ta' Mejju, 2019**